MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 421/1995/2

**Michael u Rita konjugi Grech u b'digriet tal-10 ta' Marzu 1998 stante il-mewt ta' Michael Grech l-atti tal-kawza gew legittimati f'isem Godfrey Grech, Christopher Grech u Rita armla minn Michael Grech bhala kuratrici ta' binha minuri Jonathan**

**vs**

**Julius Xuereb**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi irrendew servigi lill-konvenut tul il-perjodu minn Awissu 1991 sa Frar 1993 kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, konsisstenti, inter alia, f'akkomodazzjoni provduta lill-konvenut fid-dar tal-atturi, provvista ta' karozza tul l-istess periodu, ikel, hasil u mghodija ta' hwejjeg u servizzi ohra, kif ukoll ghajnuna ohra;

Illi l-konvenut accetta li ghandu jhallas kumpens lill-atturi ghal dawn is-servigi izda ma intlahaqx ftehim fuq is-somma li kellu jhallas;

Illi l-konvenut, inutilment interpellat, baqa in-adempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

tiddikjara illi l-atturi irrendew servigi lill-konvenut u kwindi illi l-konvenut hu tenut jikkumpensa lill-atturi ghas-servigi rezi;

tillikwida l-kumpens hekk dovut mill-konvenut lill-atturi;

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 1995, bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra il-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista ta-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li mhux minnu li gew prestati lilu is-servizzi imsemmija fic-citazzjoni mill-konvenuti jew sevizz ohra kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u li mhux minnu li hu accetta li ghandu ihallas xi kumpens;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavits tal-atturi originali l-konjugi Grech u l-affidavits l-ohra presentati mill-istess atturi;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet lill-konvenut u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat il-prospett tal-atturi rigwardanti l-kumpens pretiz minhom ghall-allegti servigi rezi minnhom lill-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-atturi;

Rat in-nota tal-konvenut;

Rat in-nota responsiva tal-atturi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu fic-citazzjoni li huma rrendew servigi lill-konvenut fil-perjodu minn Awissu 1991 sa Frar 1993, liema servigi jinkludu l-akkomodazzjoni tal-konvenut fid-dar tal-atturi, usu ta’ karozza, ikel, hasil u mghodija ta’ hwejjeg oltre servizzi u ghinuna ohra. Skond l-atturi l-konvenut accetta li jhallas kumpens ghal dawn is-servigi izda ma kienx hemm ftehim dwar il-quantum. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li huma rrendew servigi lill-konvenut li, ghalhekk, ghandu jikkompenshom talli

rrendew dawn is-servigi. Qed jitolbu li jigi likwidat il-kumpens dovut u li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma hekk likwidata;

Il-konvenut qed jeccepixxi li mhux minnu li gew prestati lilu is-servigi imsemmija fic-citazzjoni u li lanqas ma huwa minnu li hu accetta li ghandu ihallas xi kumpens ghal xi servigi;

Jirrizulta li l-attrici Rita Grech tigi oht il-konvenut;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut, li kien jghix barra minn Malta, f'April tal-1991, ghal gharrieda, mar id-dar ta' ohtu, cioe' l-attrici, u informha li kien gie lura biex jghix Malta ghal kollox. Qallha ukoll li kien qed jorqod f'remissa ta' habib tieghu fl-Imqabba. Jirrizulta li minn dak in-nhar il-konvenut darba fil-gimgha kien jiehu ghand ohtu il-hwejjeg tieghu mahmugin, li l-attrici kienet tahsel u tghaddi. Inoltre f'dak l-istess jum il-konvenut kien jiekol u jinhasel id-dar tal-atturi;

Ghal habta ta' Awissu 1991, wara li l-konvenut beda jahdem fuq vapur li kien ibahhar fl-ibhra maltin, l-atturi accettaw li l-konvenut imur jghix id-dar taghhom. In effett hekk gara u l-konvenut beda jokkupa kamra tas-sodda ghalih fid-dar ta' ohtu u liema kamra setghet ukoll tissakkar. Il-konvenut kien ikun, fuq xoghol, fuq il-bahar ghal periodi pjuttost twal, pero kull xahar kien ikollu hamest (5) ijiem frank. Gieli ukoll meta l-vapur kien ikun fil-port ta' Malta l-konvenut kien jinghata l-permess biex imur id-dar cioe ghand ohtu lk-attrici. F'dawn l-okkazjonijiet u meta kien ikun frank kien jorqod fil-kamra li kellu ghand l-atturi u kien jiekol hemm, cioe'ghand ohtu, filghodu u fil-ghaxija;

F'Mejju 1992 il-konvenut xtara post gebel u saqaf u fi Frar 1993 il-konvenut ma komplix jghix ghand l-atturi u tghom lura c-cavetta tal-kamra li kien juza. Jirrizulta ukoll li fil-periodu li l-konvenut dam ghand ohtu, l-istess attrici kienet, meta jkun hemm il-bzonn, tahsillu u tghaddielu l-hwejjeg;

Ghalhekk jirrizulta sufficjentement ipprovat li ghal periodu minn Awissu 1991 sa Frar 1993 (cioe' circa dsatax (19) il-xahar) il-konvenut kien jghix ghand ohtu u kien jokkupa kamra fid-dar ta' ohtu li setghet tissakkar. Minhabba x-xoghol tieghu l-konvenut kien jghamel periodi li fihom ma kienx jorqod fl-imsemmija karma. Jirrizulta pero' li bejn hamest (5) u ghaxart (10) ijiem fix-xahar il-konvenut kien imur jorqod ghand l-atturi;

Jigi rilevat, pero', li jidher li l-kamra in kwestjoni, fid-dar tal-atturi, kienet dejjem ghad-disposizzjoni tal-konvenut, stante li dan tal-ahhar kellu cavetta tal-istess kamra, li ghalhekk setghet tinzamm imsakkra. In effett anke meta l-konvenut kien ikun qed jahdem u ma kienx jorqod ghand ohtu, jista jinghad ukoll li huwa kien qed jokkupa l-kanra in kwestjoni. Meta l-konvenut kien ikun ghand l-atturi huwa kien juza id-dawl, l-ilma u t-telephone u ovvjament kien ukoll jiekol mal-atturi;

Waqt li l-konvenut kien jghix ghandhom, l-atturi qatt ma talbuh xi hlas ghas-servigi li kienu jrendulu, pero' jidher li l-istess atturi kellhom il-hsieb li xi darba l-konvenut kien ser itihom xi haga tal-flus. In effett wara li l-konvenut telaq mid-dar tal-atturi, l-istess atturi talbuh ihallas Lm1000, pero' l-konvenut irrifjuta u qatt ma hallas. Kien hemm zmien ukoll meta il-konvenut kien gab lill-ibnu jghix mieghu ghand l-atturi;

Jirrizulta li l-paga tal-konvenut ghas-sena 1995 kienet ta' circa Lm3200 u dana wara li tnaqset it-taxxa pero mhux il-kontibuzzjonijiet tas-sigurta socjali. Ma jirrizutax kemm kienet il-paga tal-konvenut fil-periodu li fih kien joqod ghand l-atturi;

Ma jirrizultax sufficjentement pruvat dak li allega l-konvenut li meta beda jahdem huwa offra li jikkompensa bi flus lil-ohtu pero' din ma accettatx;

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi jirrizulta sufficjentement pruvat li l-atturi rrendew servigi lill-pkonvenut, li ghalhekk ghandu jikkompenshom ghall-istess servigi. L-atturi ppresentaw prospett li fih indikaw fid-dettal il-pretensjonijiet taghhom. Mir-rizultanzi hu prattikalment impossibbli li jigi determinat b’mod esatt in-numru ta granet li fihom il-konvenut ma kienx jorqod ghand l-atturi u n-numru ta granet li fihom il-konvenut kien jghix u jiekol ghand l-atturi. Hu difficli ukoll li jigi stabbilit kemm il-darba l-attrici hasslet u ghaddiet il-hwejjeg tal-konvenut u rrendiet is-servigi l-ohra li jirrizultaw lill-konvenut. Ghalhekk il-kumpens ghas-servigi resi mill-atturi a favor il-konvenut ser jigu likwidati mill-Qorti “arbitrio boni viri” tenut kont tar-risultanzi u ta’ x’setghu kienu l-mezzi tal-konvenut. Ghalhekk dan il-kumpens qed jigi likwidat “arbitrio boni viri” fis-somma ta tmien mitt liri maltin (Lm800) ekwivalenti ghal elf tmien mija u tlieta usittin punt hamsa euro (€1863.5);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddecidi billi fl-ewwe lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-atturi irrendew servigi lill-konvenut u kwindi illi l-konvenut hu tenut jikkumpensa lill-atturi ghas-servigi rezi u tillikwida l-kumpens hekk dovut “arbitrio boni viri” fis-somma ta tmien mitt liri maltin (Lm800) ekwivalenti ghal elf tmien mija u tlieta usittin punt hamsa euro (€1863.5) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta’ elf tmien mija u tlieta u sittin punt hamsa euro (€1863.5) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------